



European Commission

EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ VOKAZZJONALI



Approċċ li jibqa' validu fil-futur

Lulju 2020
#EUSkillsAgenda

X'inhu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali?

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) huwa element ewlieni fit-tagħlim tul il-ħajja, li jattrezza lin-nies bl-għarfien, bil-ħiliet u bil-kompetenzi meħtieġa għal professjonijiet partikolari fis-suq tax-xogħol u biex jirnexxu fil-ħajja. Jirrappreżenta madwar nofs l-istudenti tal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell fl-UE u jippermetti li żewġ terzi tal-impjegati tal-UE jtejbu l-ħiliet tagħhom jew jieħdu taħriġ f'ħiliet ġodda. Jgħin liż-żgħażaġh biex ilestu ruħhom għall-ewwel impjieg tagħhom, u jippermetti lill-adulti jiksbu ħiliet ġodda u jiżviluppaw il-karrieri tagħhom.



Din hija opportunità biex jittieħed approċċ ġdid għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, biex isir aktar modern, attraenti, flessibbli u adatt għall-era diġitali u għat-tranżizzjoni ekoloġika.

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali se jkun għodda essenzjali li tgħin liż-żgħażaġh u lill-adulti jsibu l-impjieg wara li tgħaddi l-kriżi tal-coronavirus.

Kif ġie affettwat mill-pandemija tal-coronavirus?

Il-pandemija tal-coronavirus fixklet serjament kull forma ta' edukazzjoni u taħriġ, inkluż il-VET, u t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol u l-apprendistati kienu l-aktar milquata.



X'qed tipproponi l-Kummissjoni biex il-VET jibqa' validu fil-futur?



Sistema aktar iffukata fuq min jitgħallem, li tagħti lill-istudenti l-flessibbiltà fir-rigward ta' meta u kif jis-tudjaw, u li tgħaqqad sistemi tat-tagħlim differenti



Li jikbru r-reżiljenza u l-prontezza diġitali tal-istituzzjonijiet tal-VET u ta' min iħarreġ



Approċċ aktar inklużiv, bit-tneħħija ta' kwalunkwe ostakolu għall-aċċessibbiltà



Li tiżdied il-mobbiltà tal-istudenti biex il-programmi tal-VET fl-UE jsiru aktar attraenti



Aktar opportunitajiet ta' tagħlim fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari permezz ta' apprendistati



Li jiġi żgurat li l-kurrikuli tal-VET jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tal-ekonomija ekoloġika u diġitali

Fil-ħames snin li ġejjin, l-Ewropa għandha tara li:



gradwati tal-VET għandhom jiġu impjegati wara li jtemmu l-istudji tagħhom



studenti tal-VET għandhom jibbenefikaw minn taqsim ta' prattiki msejjes fuq ix-xogħol, b'mod partikolari l-apprendistati



fl-għadd ta' studenti li jibbenefikaw minn opportunità ta' taqsim barra minn pajjiżhom



X'jista' jappoġġa l-finanzjament tal-UE?

- Taħriġ tal-għalliema u ta' min iħarreġ fil-VET, b'mod partikolari fil-qasam diġitali
- Appoġġ għall-mobbiltà tal-istudenti, tal-għalliema u ta' min iħarreġ fil-VET, fl-Ewropa kollha
- Stabbiliment ta' sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' monitoraġġ tal-karriera tal-gradwati
- Stabbiliment ta' 50 Ċentru ta' Eċċellenza Vokazzjonali biex tingħata spinta lit-taħriġ ta' livell għoli



© Shutterstock

Ruta, mil-Litwanja, ħadet edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali. L-iskola tagħha tikkoopera ma' negozji lokali, u tgħinhom jidentifikaw il-ħtiġijiet tagħhom fir-rigward tal-ħiliet. Bħala parti mill-edukazzjoni tagħha, Ruta għamlet apprendistat f'fabrika li timmanifattura l-pannelli solari. Dan l-apprendistat mhux biss taha kwalifiki professjonali, iżda wkoll sett ta' ħiliet trażversali, fosthom il-ħila ta' ħidma fi grupp. Wara li ggradwat, bdietha taħdem fil-kumpanija fejn għamlet l-apprendistat tagħha.



© Shutterstock

José, minn Spanja, ilu iktar minn 15-il sena jaħdem fil-ġestjoni tal-klijenti fis-settur tat-turiżmu. Billi l-qasam li jaħdem fih qiegħed isir diġitalizzat b'rata mgħaġġla, José jixtieq jadatta s-sett ta' ħiliet tiegħu. Il-kumpanija tippermettilu jaħdem b'mod flessibbli u jjeħu korsijiet modulari tal-VET darbtejn fil-ġimgħa. Wara sitt xhur, José kiseb ħiliet diġitali ġodda li huma ta' benefiċċju kemm għalih kif ukoll għall-kumpanija tiegħu.